**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 23 ta' Mejju 2024**

**Kawża Numru: 6**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 11/2024 JVC**

**Nadezda Larsovna magħrufa bħala Nadia Calleja (ID No. 274911L)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Nadezda Larsovna magħrufa bħala Nadia Calleja talbet kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti twieldet fl-17 ta' Diċembru 1982 f'Smolensk, ir-Russja hekk kif jidher fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha bin-numru 076921, maħruġ mill-Uffiċċju

tar-Registru Pubbliku ta' Malta (liema ċertifikat hawn anness u mmarkat **Dok.A**);

2. Illi, kif jidher fic-certifikat ta' Dok.A, l-esponent għandha l-ismijiet "**Nadezda Larsovna**";

3. Illi r-rikorrent, li issa għandha 41 sena, ilha ħajjitha kollha tuża l-isem "**Nadia**" bħala l-isem li bih tiġi msejjħa, kif ukoll hija magħrufa konsistentament bħala "**Nadia**" kemm mill-familjari, konoxxenzi u fuq il-post tax-xogħol. Fil-fatt ilha ħajjitha sħiħa tissejjah "**Nadia**" u ħadd ma jsejħilha Nadezda Larsovna;

4. Illi r-rikorrent, li bħala professjoni hija avukat gradwata mill-Universita' ta' Malta u ilha tgħix Malta fuq għoxrin sena, u hija miżżewwġa ma' ragel Malti u għandha żewġt itfal, ukoll Maltin, kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, hija universalment magħrufa bħala Nadia.

5. Illi l-esponent ghandha interess li l-Att tat-Twelid tagħha kif ukoll l-Atti l-oħrajn kollha, inklużi dawk li jista' jkollha fil-futur, ikunu jirriflettu l-isem li hija u l-familjari tagħha konsistentament juzaw bħala l-isem li bih tissejjah u hija magħrufa bih u cioe' l-isem "**Nadia**" minflok "**Nadezda Larsovna**";

6. Illi ghalhekk l-esponent qegħdha tipproċedi sabiex isiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha neċessarji fl-atti tat-twelid tagħha u f'kull att ieħor relattiv u sussegwenti sabiex isimha jiġi indikat formalment

bħala "**Nadia**" u dana a tenur tal-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili, (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta);

7. Ill fost l-oħrajn l-atti maħruġa mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta li jeħtieġu korrezzjoni sabiex isimha jinkiteb bħala "**Nadia**" huma s-segwenti:

    i. Iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha hawn anness bin-numru progressiv 2749/2011, (liema ċertifikat hawn anness u mmarkat **Dok.A**);
    ii. Iċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħha hawn anness bin-numru progressiv 409/2005, (liema ċertifikat hawn anness u mmarkat **Dok.B**);
    iii. Iċ-ċertifikat tat-twelid ta' binha Peter hawn anness bin-numru progressiv 1830/2004, (liema ċertifikat hawn anness u mmarkat **Dok.C**);
    iv. Iċ-ċertifikat tat-twelid ta' binha Daniel hawn anness bin-numru progressiv 142/2009, (liema ċertifikat hawn anness u mmarkat **Dok.D**);

8. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;

9. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, ir-rikorrent umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna;

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-esponent hija konsistentament imsejjħa u magħrufa bħala "**Nadia**" u mhux bħala "**Nadezda Larsovna** ".

2. Tordna illi jsiru l-korezzjonijiet kollha neċessarji fl-Atti kollha maħruġa mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, partikolarment fis-segwenti atti

   i. Iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha hawn anness bin-numru progressiv 2749/2011, (liema ċertifikat hawn anness u mmarkat **Dok.A**);
   ii. Iċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħha hawn anness bin-numru progressiv 409/2005, (liema ċertifikat hawn anness u mmarkat **Dok.B**);
   iii. Iċ-ċertifikat tat-twelid ta' binha Peter hawn anness bin-numru progressiv 1830/2004, (liema ċertifikat hawn anness u mmarkat **Dok.C**);
   iv. Iċ-ċertifikat tat-twelid ta' binha Daniel hawn anness bin-numru progressiv 142/2009, (liema ċertifikat hawn anness u mmarkat **Dok.D**);

u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet meħtiega f'dawn l-atti u f'kull att ieħor relattiv u sussegwenti sabiex isimha jiġi indikat u hija tkun magħrufa bħala "**Nadia**" minflok "**Nadezda Larsovna**" jew **"Nadezda";**

3. Tordna illi l-Atti l-oħrajn kollha li l-esponenti jista' jkollha fil-futur ikunu jirriflettu l-isem li hija, l-familja tagħha, sħabha u kollegi fuq il-postijiet tax-xogħol konsistentament juzaw bħala l-isem li bih tissejjaħ u hija magħrufa u cioe' "**Nadia**" minflok l-isem "**Nadezda Larsovna** ".

Bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li huwa minn issa nġunt biex jidher ghas-subizzjoni. '

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent irressaq is-segwenti eċċezzjonijiet mingħajr preġudizzju għal xulxin;

3. Illi fl-ewwel lok, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat. Mill-atti u dokumentazzjoni fil-poteri tiegħu jirriżulta s-segwenti:

    a. Skont l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv **<u>2749/2011</u>** (anness u mmarkat **<u>Dok. DRP 1</u>**), ir-rikorrenti twieldet bl-isem '**Nadezda Larsovna'** u bil-kunjom '**AIRUMOVA'** ġewwa r-Russja nhar is-17 ta' Diċembru 1982 lil 'Lars Petrovich AIRUMOV' u 'Alla Vaganovna OSIPOVA nee' OSIPOVA'. Tali Att tat-Twelid esteru ġie registrat ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) b'dan illi l-esponent irreplika l-partikolaritajiet hemm indikati kif tradotti għal-lingwa Ingliża *ad verbatim* fuq l-Att tat-Twelid Malti. Tali dettalji kif effettivament jidhru fuq l-Att tat-Twelid Malti ġew konfermati anke fuq il-formula tat-talba għar-reġistrazzjoni. Għal kull buon fini, vera kopja tad-dokumenti annessi u mmarkati **<u>Dok. DRP 2</u>**. Għalhekk żgur li ma sar ebda żball

min-naħa tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku meta ġie reġistrat l-Att tat-Twelid in kwistjoni;

b. Illi fl-Att taż-Żwieġ bin-numru **<u>409/2005</u>** (anness u mmarkat **<u>Dok. DRP 3</u>**), jidher illi r-rikorrenti indikat lilha nnifisha bl-isem '**Nadezda Larsovna'** u li sejra tieħu kunjom r-raġel biex b'hekk tiġi **Nadezda Larsovna CALLEJA**;

c. Fuq l-Atti tat-Twelid ta' wliedha ossia dawk bin-numru **1830/2004** u **142/2009** (annessi bħala Dok. DRP 4 u 5 rispettivament) hija tidher bħala l-omm bl-isem '**Nadezda'**;

4. Illi nonostante dak fuq premess, ir-rikorrenti qegħda tisħaq illi fil-fatt kienet minn dejjem magħrufa bl-isem '**Nadia'** u mhux **'Nadezda Larsovna'**. Illi mar-rikors m'hemm anness ebda evidenza li tixhed dan ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi rigward it-talbiet, l-esponent jirrimetti ruhu salv illi l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfacenti f'għajnejn il-liġi u salv illi l-Qorti tkun sodisfatta illi l-attriċi dejjem kienet u għadha konsistentement magħrufa bl-isem '**Nadia'**;

6. Illi speċifikament dwar l-aħħar paragrafu tat-tieni talba fejn qiegħed jintalab tibdil fuq Atti oħrajn li ma ġewx speċifikati, jiġi rilevat illi ai termini tal-Art. 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-atti kollha li jridu jiġu mibdula jridu jiġu speċifikati bin-numru progressiv u s-sena tagħhom;

7. Illi rigward it-tielet talba, jiġi rilevat illi l-esponent jista' jibdel biss l-Atti tal-istat Ċivili li huma fil-poteri tiegħu biss b'dan illi dokumentazzjoni uffiċjali oħra bħal Passaport fost oħrajn ma tinbidilx mill-esponent;

8. Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u **<u>għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;</u>**

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa nġunta in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 10 tal-proċess.

Rat illi fis-seduta tal-lum il-partijiet ghalqu l-provi u talbu li din il-Qorti tghaddi ghad-decizjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat, rat ukoll l-affidavit tar-rikorrenti u l-affidavit tal-Avukat Damien Degiorgio u d-diversa dokumentazzjoni esebita fl-atti a fol. 24 il-quddiem li lkoll jevidenzjaw illi r-rikorrenti hija magħrufa bl-isem ta' Nadia u mhux dak b'dak ta' Nadezda. Semgħet ix-xhieda ta' oħt ir-rikorrenti Anna Awrumova illi konfermat illi sa minn meta kienet żgħira r-rikorrenti kienet magħrufa bl-isem ta' Nadia u li kulħadd kien jgħajtilha bl-isem ta' Nadia. Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami tar-rikorrenti illi kkonfermat li għalkemm hija minn dejjem kienet magħrufa bl-isem ta' Nadia fil-fatt id-dokumentazzjoni oriġinali mir-Russja qatt ma kienet inbidlet u għalhekk saret ir-reġistrazzjoni f'dak is-sens fir-reġistru Malti.

Illi in vista sas-suespost il-Qorti tqies illi verament ir-rikorrenti hija magħrufa bl-isem ta′ Nadia u mhux dak ta′ Nadezda għalhekk it-talbiet tagħha għandhom jiġu milqugħa.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta′ u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa′ l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti hija konsistentament imsejjħa u magħrufa bħala "**Nadia**" u mhux bħala "**Nadezda Larsovna** ";

3. Tilqa′ it-tieni talba u tordna illi jsiru l-korezzjonijiet kollha neċessarji fl-Atti kollha maħruġa mir-Reġistru Pubbliku ta′ Malta, partikolarment fis-segwenti atti

    i. Iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha hawn anness bin-numru progressiv 2749/2011,
    ii. Iċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħha bin-numru progressiv 409/2005;
    iii. Iċ-ċertifikat tat-twelid ta′ binha Peter hawn bin-numru progressiv 1830/2004,
    iv. Iċ-ċertifikat tat-twelid ta′ binha Daniel bin-numru progressiv 142/2009;

u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet meħtiega f'dawn l-atti u f'kull att ieħor relattiv fil-poter tad-Direttur intimat u sussegwenti sabiex isimha jiġi indikat u hija tkun magħrufa bħala "**Nadia**" minflok "**Nadezda Larsovna**" jew **"Nadezda";**

4. Tilqa' limitatament it-tielet talba biss għall-atti fil-poter tad-Direttur intimat;

5. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Fiċ-ċirkostanzi u anke kif diġa' verbalizzat fil-verbal tal-lum l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Mejju 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**23 ta' Mejju 2024**